# Mons. Mario Grech

## *L-Isqof il-Ġdid ta' Għawdex*



Meta Mons. Nikol Cauchi laħaq l-età ta' ħamsa u sebgħin sena, huwa għamel il-pass mixtieq mill-Vatikan fir-rigward tal-isqfijiet tal-knisja, jiġifieri offra ir-riżenja tiegħu minn Isqof tad-djoċesi ta' Għawdex minħabba l-età. Bħala suċċessur tiegħu l-Qdusija Tiegħu il-Papa Benedittu XVI matul l-ewwel sena tal-papat tiegħu, għoġbu jagħżel lil Mons. Mario Grech li allura sar it-tmien isqof tad-djoċesi Għawdxija.



L-E.T. Mons. Mario Grech twieled fil-Qala, Għawdex fl-20 ta' Frar 1957. Studja fl-iskola primarja ta' Kerċem u fil-liċeo ta' Victoria. Ta' tletin sena beda t-tħejjija għas-saċerdozju fis-seminarju maġġur tal-Qalb ta' Ġesù u ġie ordnat fis-26 ta' Mejju 1984. Wara dan kompla l-istudji tiegħu l-ewwel fl-Università tal-Lateran minn fejn ħa il-Liċenzja "Utroque Iure" u mbagħad fl-Università Pontifiċja ta' San Tumas minfejn ħa d-dottorat fid-Dritt Kanoniku.

Huwa wettaq ħidmiet pastorali kemm fil-parroċċa ta' Santa Marija f'Ruma u kemm f'Għawdex. Qabel il-ħatra tiegħu bħala isqof huwa kien diġà l-Vigarju Ġudizzjali tad-Djoċesi ta' Għawdex, Imħallef fit-Tribunal Metropolitan ta' Malta u membru tal-Kulleġġ tal-Konsulturi u ta' diversi kummissjonijiet djoċesani. Fl-2004 inħatar kappillan ta' Kerċem. Imbagħad fis-26 ta' Novembru 2005 ġie ppreżentat bid-dokument tal-ħatra bħala isqof min-Nunzjatura Appostolika f'Malta u nhar il-Ħadd 22 ta' Jannar 2006 kien ikkonsagrat isqof fil-Katidral ta' Għawdex.



***Is-Soċjeta Mużikali Banda San Filep tifraħ lil Mons. Mario Grech għall-ħatra tiegħu u tawguralu ħidma fejjieda fil-missjoni pastorali tiegħu.***